MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 10/2011

**Filippa Cilia, Mario Muscat, Godfrey Muscat, Joseph Muscat u Carmen Borg**

**-vs-**

**Antonia Farrugia u Teresa *sive* Tessie Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fis-7 ta' Jannar 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-kontendenti huma lkoll ulied id-defunti Nazzareno u Grazia *sive* Grace konjuġi Muscat li mietu rispettivament fil-21 ta' Ġunju 1998 u fil-11 ta' Marzu 2005;

Illi l-imsemmija Nazzareno u Grazia konjuġi Muscat permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji ħallew bħala

eredi fi kwoti ndaqs bejniethom skond il-liġi, lis-seba' wliedhom u ċjoe' l-kontendenti kollha ta' din il-kawża;

Illi r-rikorrenti ma jridux jibqgħu fi stat ta' komunjoni ta' proprjeta' flimkien mal-intimati fejn għandhom x'jaqsmu l-assi partikolari tad-defunti ġenituri tagħhom;

Illi r-rikorrenti jirrilevaw illi l-intimati m'għandhomx jieħdu sehem kull wieħed mill-eredita' tal-ġenituri tagħhom daqs dak tar-rikorrenti kull wieħed peress illi l-intimati qalgħu l-inkwiet u dan a tenur tat-Tieni Artikolu tat-testment Unica Carta addizzjonali datat disa' u għoxrin (29) ta' Diċembru 1994 li huwa viġenti skond l-istess testment fir-rigward tad-defunt Nazzareno Muscat u skond l-aħħar testment datat tlieta (3) ta' Lulju 2003 fir-rigward tad-defunta Grace Muscat, u dana hekk kif ir-rikorrenti lesti li jippruvaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna;

Illi għalhekk ir-rikorrenti jirrilevaw illi skond l-istess Testment, is-sehem tal-intimati ma jistax ikun akbar mill-*portio riservatio* spettanti lilhom bil-liġi;

Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Illi nhar it-22 ta' Ġunju 2010 ġiet ċeduta kawża b'ċitazzjoni numru 335/05JZM fl-ismijiet *"Antonia Farrugia et vs Filippa Cilia et"* minn Antonia Farrugia (383349M) u Teresa *sive* Tessie Micallef (51658M) li kienu huma li ressqu tali kawża u f'liema kawża ġew prodotti diversi provi rilevanti għall-kawża odjerna;

Illi għalhekk kella ssir din il-kawża sabiex issir id-diviżjoni ta' din il-massa ereditarja skont is-suespost.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu li, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-allegazzjoni tal-proċess tal-kawża b'ċitazzjoni numru 335/05JZM fl-ismijiet *"Antonia Farrugia et vs Filippa Cilia et"* li ġiet ċeduta mill-atturi fit-22 ta'

Ġunju 2010 u li l-provi kollha hemmhekk miġbura jiġu jikkostitwixxu prova sħiħa *ai fini* tal-kawża odjerna;

2. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom qalgħet / qalgħu l-inkwiet skond it-testmenti suindikati;

3. Tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom m'humiex intitolati għal sehem li jkun akbar mill-*portio riservatio;*

4. Tillikwida l-assi tal-imsemmija Nazzareno u Grazia *sive* Grace konjuġi Muscat u taqsam dawn l-assi f'seba' porzjonijiet fejn l-ewwel jiġu assenjati żewġ porzjonijiet ekwivalenti għall-*portio riservatio* lill-intimati kull wieħed u l-kumplament tal-beni jinqasmu f'ħames porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed lir-rikorrenti;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika *occorrendo*, l-att ta' diviżjoni fil-ġurnata, ħin u lok li jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti.

Salv kull provvediment ieħor li jogħġobha tagħti din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Antonia Farrugia u Teresa *sive* Tessie Micallef preżentata fil-15 ta' Frar 2011, li permezz tagħha eċċepew:

Illi rigward l-ewwel talba l-eċċipjenti għalkemm ma jopponux biex il-proċess tal-kawża numru 335/05JZM fl-ismijiet *"Antonia Farrugia et vs Filippa Cilia et"* jkun allegat mal-atti ta' din il-kawża jopponu li l-provi miġbura hemmhekk jikkostitwixxu prova sħiħa *ai fini* ta' din il-kawża *stante* li x-xhieda li ngħatat f'dik l-istanza ġiet mogħtija meta Antonia Farrugia et, f'dik l-istanza rikorrenti, kienu ħasbu li ommhom Grace Muscat kienet ħallietilhom il-leġittima biss u kienu fasslu ċ-ċitazzjoni tagħhom fuq tali premessa u kwindi kienu ddeponew

erronjament f'dan is-sens, u għalhekk kellhom iċedu dik l-istanza. Fil-fatt ommhom Grace Muscat ħalliethom werrieta universali ma' ħuthom, rikorrenti f'din l-istanza. Kwindi din l-istanza għandha tieħu l-kors normali tagħha u jitressqu l-provi kollha fil-kors normali tagħhom.

Illi fit-tieni lok l-eċċipjenti umilment jissottomettu illi huma qatt ma qalgħu l-ebda inkwiet kif allegaw ir-rikorrenti u kwindi t-tieni, it-tielet u r-raba' talba għandhom ikunu miċħuda kontra r-rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fil-mertu u dan kif ser ikun ippruvat waqt is-smiegħ tar-rikors u fil-fatt qiegħda titressaq kontro-talba opportuna flimkien ma' dawn l-eċċezzjonijiet sabiex ikunu l-atturi odjerni li jitilfu sehemhom bħala werrieta tal-ġenituri tagħhom;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Illi l-eċċipjenti qiegħdin jipprevalixxu ruħhom minn dan ir-rikors ġuramentat biex iressqu kontro-talba opportuna.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenuti li permezz tagħha premettew:

Illi l-kontendenti huma lkoll ulied id-defunti Nazzareno u Grazia *sive* Grace konjuġi Muscat li mietu rispettivament fil-21 ta' Ġunju 1998 u fil-11 ta' Marzu 2005;

Illi l-imsemmija Nazzareno u Grazia konjuġi Muscat permezz ta' dispożizzjonijiet tertamentarji ħallew bħala eredi fi kwoti indaqs bejniethom skond il-ligi lis-seba' wliedhom, u ċjoe' l-kontendenti f'din il-kawża u kontro-talba;

Illi Antonia Farrugia u Tessie Micallef ma jridux jibqgħu fi stat ta' komunjoni ta' proprjeta' flimkien ma' ħuthom

Filippa Cilia et fejn għandhom x'jaqsmu l-assi partikolari tad-defunti ġenituri tagħhom;

Illi Antonia Farrugia u Tessie Micallef jirrilevaw illi Filippa Cilia et m'għandhomx jieħdu sehem kull wieħed mill-eredita' tal-ġenituri tagħhom daqs dak ta' Antonia Farrugia u Tessie Micallef kull wieħed peress li Filippa Cilia et qalgħu l-inkwiet u dan a tenur tat-Tieni Artikolu tat-testment Unica Carta addizzjonali tad- 29 ta' Dicembru 1994 li huwa viġenti skond l-istess testament fir-rigward tad-defunt Nazzareno Muscat u skond l-aħħar testament datat 3 ta' Lulju 2003 fir-rigward tad-defunta Grace Muscat, u dana hekk kif Antonia Farrugia u Tessie Micallef lesti li jippruvaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi għalhekk Antonia Farrugia u Tessie Micallef jirrelevaw illi skond l-istess testment is-sehem ta' Filippa Cilia et ma jistax ikun akbar mill-*portio riservatio* spettanti lilhom bil-liġi;

Illi Antonia Farrugia u Tessie Micallef jafu b'dawn il-fatti personalment;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kontro-talba sabiex id-diviżjoni tal-massa ereditarja ssir skond is-suespost;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu għar-raġunijiet suesposti sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li Filippa Cilia, Mario Muscat, Godfrey Muscat, Joseph Muscat u Carmen Borg jew min minnhom qalgħu l-inkwiet skond it-testmenti su indikati;

2. Tiddeċiedi illi Filippa Cilia, Mario Muscat, Godfrey Muscat, Joseph Muscat u Carmen Borg jew min minnhom m'humiex intitolati għal sehem li jkun akbar mill-*portio riservatio;*

3. Tillikwida l-assi tal-imsemmija defunti Nazzareno u Grazia *sive* Grace konjuġi Muscat u taqsam dawn l-assi f'seba' porzjonijiet fejn l-ewwel jiġu assenjati ħames porzjonijiet ekwivalenti għall-*portio riservatio* Filippa Cilia,

Mario Muscat, Godfrey Muscat, Joseph Muscat u Carmen Borg kull wieħed u l-kumplament tal-beni jinqasmu f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Antonia Farrugia u Tessie Micallef;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika *occorrendo* l-att ta' diviżjoni relattiv fil-ġurnata, ħin u lok li jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Tinnomina kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċja ta' xi ħadd minn Filippa Cilia et għall-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni su riferit.

Salv kull dispożizzjoni u provvedimenti oħra li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra Filippa Cilia et inġunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti rikonvenzjonanti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-atturi rikonvenzjonati, preżentata fit-22 ta' Frar 2011, għall-kontro-talba fejn eċċepew:

Illi l-atturi rikonvenzjonati jeċċepixxu illi huma ma jaqblux mat-talbiet ta' Antonia Farrugia u Teresa Micallef u dana billi mhux huma qalgħu l-inkwiet iżda l-konvenuti rikonvenzjonanti hekk kif huma ġja' ppruvaw f'kawża oħra u anke lesti li jipprovaw f'din il-kawża. Għalhekk huma qed jirribadixxu li għal dak li jirrigwardja l-porzjoni ereditarja tad-defunti Nazzareno u Grace konjuġi Muscat il-konvenuti rikonvenzjonanti għandhom jitilfu kull vantaġġ dispost a favur tagħhom u għandhom jieħdu biss il-porzjoni riservata skond il-liġi u skond dak ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet testamentarji li huma fis-seħħ, u dana skond il-kawża mressqa mill-istess atturi-rikonvenzjonati;

Illi l-atturi rikonvenzjonati jaqblu mal-likwidazzjoni tal-assi kollha tad-defunti Nazzareno u Grazia *sive* Grace konjuġi Muscat u li dawn jinqasmu f'porzjonijiet fost l-eredi li huma

l-kontenenti kollha fil-kawża odjerna iżda dan skond kif huma qegħdin jitolbu fil-kawża mressqa minnhom;

Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi rikonvenzjonati u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-4 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-proċess tal-kawża 335/05JZM;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu l-partijiet qablu li li l-istimi tal-A.I.C. Philip Mifsud (li jinsabu fil-proċess allegat) jiġu addottati f'din il-kawża;

Rat ir-rapport tal-perit imsemmi li għamel stima tal-proprjetajiet illi kellhom jiġu diviżi;

Rat l-atti kollha tal-kawża u l-atti tal-kawża bin-numru 335/05 JZM.

Rat il-verbali, inkluż dak tat-3 ta' Ġunju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-premess, il-kawża hija waħda ta' diviżjoni tal-proprjetajiet illi l-partijiet wirtu mingħand il-ġenituri tagħhom.  L-atturi pero' jsostnu li l-konvenuti għandhom jiġu assenjati biss il-porzjoni riservata peress li, dejjem skond l-atturi, l-konvenuti qalgħu l-inkwiet fil-qsim tal-wirt. Da parti tagħhom il-konvenuti jgħidu li kienu l-atturi li qalgħu l-inkwiet u allura huma għandhom ikunu penalizżati.

Illi d-deċuji kienu għamlu testment *unica carta* in atti tan-Nutar Nicola Said fil-21 ta' Frar 1974 fejn ħallew lil uliedhom kollha werrieta fi kwoti ugwali wara s-solitu użufrutt reċiproku; l-unika kundizzjoni kienet li l-werrieta kellhom jimmettu fil-pussess l-istess użufruttwarju.  Huma ħallew ukoll lil xulxin il-fakolta' li jibdlu t-testment.  Fl-1994 għamlu testment ieħor għand l-istess Nutar fejn filwaqt li

kkonferma t-testment preċedenti u wara li ħallew legat ta' lokazzjoni lill-attur Godfrey Muscat, iddisponew li jekk xi ħadd mill-werrieta jaqla' l-inkwiet dwar il-qasma tal-bini tagħhom dan jew din jitlef kull vantaġġ mit-testment *eccetto* d-dritt tal-leġittima. Wara l-mewt ta' żewġha, fl-2001 Grazia Muscat għamlet testment in atti tan-Nutar Martinelli fejn ħalliet lill-atturi eredi u lill-konvenuti ħallitilhom il-leġittima; iżda fl-2003 hija rrevokat dak it-testment u qalet permezz ta' testment ieħor in atti tan-Nutar Philip Said illi riedet li l-wirt tagħha jkun regolat miż-żewġ testmenti tal-1974 u 1994 fuq imsemmija. Fil-fatt fil-kawża 335/05JZM il-konvenuti odjerni kienu talbu l-legittima għaliex ma kienux jafu bl-aħħar testment li permezz tiegħu Grazia Muscat irrevokat dak tagħha preċedenti. It-testmenti kollha huma esebiti mar-rikors promotorju.

Illi l-atturi Godfrey Muscat u Carmen Borg fl-affidavits tagħhom qalu li l-konvenuti ma kellmux lil ommhom wara l-mewt ta' missierhom fl-1998. Iżidu li meta kellmu lin-Nutar Said wara l-mewt ta' ommhom qalilhom bil-klawsola tal-leġittima u anke ħadmilhom kif kellha tiġi (fol 52 u wara). L-atturi Filippa Cilia u Joseph Muscat qalu li ommhom kienet tathom xi deheb għalkemm ma speċifikawx x'kien jew kemm jiswa. Fl-affidavits tagħhom il-konvenuti (a fol 71) qalu li l-inkwiet inqala' għaliex Godfrey Muscat kien parti mir-raba' ta' Antonia Farrugia ftit qabel miet missierhom.

Illi l-Qorti jidhrilha li l-allegazzjonijiet reċiproċi tal-partijiet li għandhom jitilfu l-benefiċċju mit-testmenti ma għandhom ebda fundament la fattwali u lanqas ġuridiku. L-ewwelnett il-mejta Grazia Muscat bidlet it-tesment tagħha ftit qabel ma mietet u allura meta ġja' l-konvenuti, skond l-atturi, kienu ilhom sitt snin ma jkellmuha. Dan ifisserl li *malgrado* xi nkwiet li seta' nqala' bejniethom, il-volonta' tagħha kienet li wliedha jaqsmu f'ishma ndaqs. *Oltre* dan, il-fatt li kien hemm diżgwid bejn il-partijiet ma jistax jiġi nterpretat li xi ħadd qala' l-inkwiet u kulħadd għandu d-dritt li jivvanta l-interessi tiegħu anke permezz ta' kawża mingħajr ma jiġi penaliżżat b'daqshekk. Għalhekk, il-Qorti

se tgħaddi għall-qasma fuq il-bażi li kull parti għandha sehem wieħed minn sebgħa tal-wirt in kwistjoni.

Illi kwantu għall-proprjeta' għalkemm huwa ċar li għallanqas tnejn mill-atturi rċevew mingħand ommhom xi deheb ma saret ebda prova ta' x'kien dan id-deheb u kemm kien jiswa. Kwindi, il-Qorti se jkollha tgħaddi għas-sentenza dwar il-qasma mingħajr din l-informazzjoni u tistrieħ interament fuq dak kontenut fil-proċess tal-kawża ġja' msemmija fejn kien hemm lista tal-proprjetajiet tal-mejta. Ta' min iżid li għalkemm fil-verbal tas-7 ta' Lulju 2011 l-partijiet irriferew għall-istima tal-A.I.C. Mifsud, fil-verita' isem dan il-perit ma jidhirx *ut sic* iżda mid-dikjarazzjoni *causa mortis* fil-mewt ta' Grazia Muscat hu evidenti li kienet saret stima peritali u għalhekk x'aktarx il-partijiet kienu qed jirreferu għal dan. Peress li huwa ċar li l-qasma mhix komodament diviżibbli u l-Qorti se tordna l-bejgħ tal-istess proprjetajiet għall-iskop tal-kawża ftit hemm rilevanza u l-Qorti allura se tgħaddi biex tippronunzja s-sentenza xorta waħda.

Illi l-proprjetajiet soġġetti għal din il-qasma (il-Qorti ukoll ma għadhiex għalfejn tiddistingwi l-proprjetajiet parafernali tenut kont tas-sitwazjoni billi din ma tagħmel ebda differenza għall-qasma) huma elenkati u stmati kif ġja' ssemma fid-dikjarazzjoni *causa mortis* imsemmija ukoll a fol 129 tal-proċess, li tikkonsisti:

- 45, St Mary Street, Żebbug, stmata sebgħin elf lira Maltin (LM70,000);

- Garaxx 60, Triq il-Qamħ Żebbug, stmat tmient elef u ħames mitt lira Maltin (LM8,500);

- Garaxx 61, Triq il-Qamħ, Żebbug, stmat sebat elef lira Maltin (LM7,000);

- Garaxx 62, Triq il-Qamħ, Żebbuġ bl-arja taż-żewġ garaxxijiet ġja' msemmija, stmat għoxrin elf liri Maltin (LM20,000);

- Garaxx numru 1, Triq ix-Xgħir, Żebbuġ, stmat tmient elef u ħames mitt lira Maltin (LM8,500);

- Garaxx numru 2, Triq ix-Xgħir, Żebbuġ, stmat sebat elef u ħames mitt lira Maltin (LM7,500);

- Dar 35, Triq Santa Marija, Żebbuġ, stmata ħmistax-il elf lira Maltin (LM15,000);

Illi jeżistu wkoll żewġ kontijiet bankarji u tmienja u tmenin (88) sehem mal-MiddleSea Insurance li għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, kif ukoll diversi ċnus imsemmija a fol 186 tal-proċess allegat, iżda ma tantx hemm informazzjoni ċara fuqhom fis-sens li ma hemm ebda valutazzjoni tagħhom. Billi huma ta' entita' pjuttost żgħira l-Qorti se tordna li jinqasmu b'mod li kull parti jkollha *circa* l-istess valur.

**DEĊIŻJONI**
**Il-Qorti għal dawn il-motivi tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li l-proċess ġie allegat;**

**2. Tiċħad it-tieni talba;**

**3. Tiċħad it-tielet talba;**

**4. Tilqa' r-raba' talba iżda tordna li l-assi tal-mejta msemmija jiġu maqsuma f'seba' porzjonijiet indaqs, u għalhekk *stante* li mhumiex diviżibbli, tordna li l-proprjetajiet hawn taħt imsemmija jinbiegħu b'liċitazzjoni taħt l-awtorita' tal-Qorti a bazi tal-prezzijiet imsemmija:**

- **45, St Mary Street, Żebbug, stmata sebgħin elf lira Maltin (LM70,000) jew mija u tlieta u sittin elf u sitta u ħamsin Ewro (€163,056);**

- **Garaxx 60, Triq il-Qamħ Żebbug, stmat tmient elef u ħames mitt lira Maltin (LM8,500) jew dsatax-il elf tmien mitt Ewro (€19,800);**

- **Garaxx 61, Triq il-Qamħ, Żebbug, stmat sebat elef liri Maltin (LM7,000) jew sittax-il elf tliet mija u ħames Ewro (€16,305);**

- **Garaxx 62, Triq il-Qamħ, Żebbuġ bl-arja taż-żewġ garaxxijiet ġia msemmija, stmat għoxrin elf lira Maltin (LM20,000) jew sitta u erbgħin elf u ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro (€46,587);**

- **Garaxx numru 1, Triq ix-Xgħir, Żebbuġ, stmat tmient elef u ħames mitt lira Maltin (LM8,500) jew dsatax-il elf tmien mitt Ewro (€19,800);**

- **Garaxx numru 2, Triq ix-Xgħir, Żebbuġ, stmat sebat elef u ħames mitt lira Maltin (LM7,500) jew sbatax-il elf erba' mija u sebgħin Ewro (€17,470);**

- **Dar 35, Triq Santa Marija, Żebbuġ, stmata ħmistax-il elf lira Maltin (LM15,000) jew erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin Ewro (€34,940).**

**Illi l-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta, indikati fil-lista preżentata mill-konvenuti a fol 179 tal-proċess allegat, u l-ishma mal-Middlesea Insurance jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti;**

**Illi tordna li ċ-ċens fuq il-fond, "Redentur", Triq l-Iskola, Żebbuġ u "Twilight", Triq l-Iskalora, Żebbuġ jiġu assenjati lil Filippa Cilia;**

**Illi ċ-ċens fuq il-fond, "Tiderach", Triq il-Qamħ, Żebbuġ, u "Bejta", Triq l-Iskalora, Żebbuġ jiġu assenjati lil Mario Muscat;**

**Illi ċ-ċnus dovuti fuq il-fondi, "Marchal", Kosbor Street, u "Aden" Triq l-Iskalora, Żebbuġ jiġu assenjati lil Carmen Borg;**

**Illi ċ-ċnus dovuti fuq il-fondi, "Apple Blossom", Triq l-Iskalora u "Moose", Triq l-Iskalora, Żebbuġ jiġu assenjati lil Joseph Muscat;**

**Illi ċ-ċnus dovuti fuq il-fondi, "Our Dream" u "White Rose" bil-garaxx u t-tnejn fi Triq l-Iskalora, Żebbuġ jiġu assenjati lil Teresa Micallef;**

**Illi ċ-ċens dovut fuq il-fond, "St. Anthony House", Triq il-Qamħ, Żebbuġ jigi assenjat lil Antonia Farrugia biex id-dirett dominju jiġi konsolidat;**

**Illi għall-istess raġuni ċ-ċens dovut fuq il-fond "Sunshine", Triq ix-Xgħir, Żebbuġ jiġi assenjat lil Godfrey Muscat li għandu jiġi assenjat ukoll iċ-ċens fuq il-fond, 41, Triq ix-Xgħir, Żebbuġ flimkien mal-garaxx anness;**

**Illi ċ-ċens dovut fuq il-Falcon Limited fi Triq l-Imdina, Żebbuġ u "Olivia House", Triq ix-Xgħir, Żebbuġ jiġu assenjati lill-ħames atturi flimkien u ċ-ċnus fuq il-fondi, "Vella House", Triq il-Qamħ, Żebbuġ jiġi assenjat liż-żewġ konvenuti flimkien.**

**Illi fir-rigward tal-mobbli fid-dar konjugali, jekk dawn għadhom jeżistu u fil-post imsemmi, il-Qorti tinnomina lil Vincent Ciliberti biex jagħmel l-istimi neċessarji u jaqsam kollox f'seba' porzjonijiet li *occorrendo* jiġu assenjati bis-sorteġġ;**

**5. Tilqa' l-ħames talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv, u lill-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bħala kuratur biex tirrappreżenta l-kontumaċji fuq l-istess;**

**KWANTU GĦALL-KONTROTALBA:**

**Il-Qorti tiċħad l-ewwel żewġ talbiet u tilqa' t-talbiet l-oħra b'dan li tagħmel referenza għal dak li ġja' ġie deċiż dwar it-talbiet attriċi u tadotta l-istess konklużjonijet għaliha.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu bejn il-partijiet fil-kawża f'ishma ndaqs bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------